**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 26 ta' Frar 2020**

Numru 7

**Rikors Guramentat Nru. 1002/2019**

**L-Avukat Dr Malcolm Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Bauer Media AB**

**vs**

**Manisol Gaming Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tat-22 ta' Ottubru 2019 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta attrici konsenjat servizzi lis-socjeta konvenuta;

2. Illi s-socjeta attrici harget is-segwenti fatturi (anness u mmarkati Dok. A-C)
a. Fattur bin-numru 1264556: datata 10 ta' Dicembru 2018 ghall-ammont ta' SEK23761
b. Fattura bin-numru 2008076: datata 25 ta' Jannar 2079 ghall-ammont ta' SEK129193
c. Fattura bin-numru 1271507: datata 5 ta' Marzu 2019 ghall-ammont ta' SEK133978
d. Fattura bin-numru 1272174: datata 13 ta' Marzu 2019 ghall-ammont ta' SEK157622

3. Illi s-socjetaa konvenuta hija ghalhekk debitrici tas-socjeta rikorrenti fis-somma ta' erba' mija u erbgha u erbghin elf, hames mija u erbgha u hamsin SEK (SEK444,554) ekwivalenti llum ghal wiehed u erbghin elf, mitejn u ghaxar ewro u sittax-il centezmu (€41,210.16);

4. Illi l-imsemmi ammont erba' mija u erbgha u erbghin elf, hames mija u erbgha u hamsin SEK (SEK 444,554) ekwivalenti ghal wiehed u erbghin elf, mitejn u ghaxar ewro u sittax-il centezmu (€41,210.16) huwa dejn cert, likwidu u dovut u ghalhekk fil-fehma tas-socjeta rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq.

tal-Kap. 12, tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma tal-istess socjeta rikorrenti, is-socjeta intimata ma ghandhiex eccezzjoniiiet xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;

5. Illi ghalkemm saru diversi interpellazzjonijiet dana l-ammont baqa' ma thallasx mill-entita konvenuta u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Taqta' il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi s-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti Bauer Media AB ghas-somma ta' erba' mija u erba u erbghin elf, hames mija u erbgha u hamsin SEK (SEK 444,554) ekwivalenti llum ghal wiehed u erbghin elf, mitejn u ghaxar ewro u sittax-il centezmu (€41,210.16), flimkien mal-imghax legali;

3. Tikkundanna lis-socjeta intimata Manisol Gaming Limited sabiex thallas lis-socjeta rikorrenti Bauer Media AB is-somma ta' erba' mija u erbgha u erbghin elf, hames mija u erbgha u hamsin SEK (SEK 444,554) ekwivalenti llum ghal wiehed u erbghin elf, mitejn u ghaxar ewro u sittax-il centezmu (€41,210.16);

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra s-socjeta intimata li tibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha u dokumenti esebiti;

Rat li la s-socjeta konvenuta, debitament notifikata, u ma deher hadd u anqas id-difensur taghha ma deher biex jiddefendu ruhhom mill-pretensjonijiet attrici;

Semghet ix-xhieda bil-gurament tad-difensur tas-socjeta attrici fejn bil-gurament tieghu ikkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut u ma sar ebda hlas sallum kif jidher mid-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati u ippruvati permezz tad-dokumenti esebiti u ma saret ebda oppozizzjoni valida, il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' erba' mija u erba u erbghin elf, hames mija u erbgha u hamsin SEK (SEK 444,554) ekwivalenti llum ghal wiehed u erbghin elf, mitejn u ghaxar ewro u sittax-il centezmu (€41,210.16), rapprezentanti servizzi moghtija lill-istess socjeta

konvenuta kif jidher mill-fatturi annessi mar-rikors promotur, bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur